

Brussell, 9 ta' Frar 2024
(OR. en)

5944/24

SOC 56
EMPL 36
ILO 6
ONU 13

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti (Parti 1)/Kunsill
Suġġett:	Il-parteċipazzjoni tal-Kummissjoni, f'isem l-UE, fil-Koalizzjoni Globali għall-Ġustizzja Soċjali - <i>Awtorizzazzjoni biex jiġi ffirmat strument mhux vinkolanti</i>

1. F'Novembru 2023, il-Korp Governattiv tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol (ILO) approva unanimament il-Koalizzjoni Globali għall-Ġustizzja Soċjali (GCSJ). Din l-inizjattiva għandha l-għan li tippromwovi l-kooperazzjoni multilaterali u s-sħubijiet bl-għan ġenerali li tavvanza l-ġustizzja soċjali u x-xogħol deċenti għal kulħadd.
2. Fl-24 ta' Novembru 2023, l-ILO stiednet lill-Kummissjoni biex tipparteċipa, f'isem l-Unjoni Ewropea, fil-Koalizzjoni Globali għall-Ġustizzja Soċjali¹.
3. Minħabba n-natura volontarja u mhux legalment vinkolanti tal-GCSJ u l-modalitajiet tal-parteċipazzjoni, tqies xieraq li tintuża l-proċedura ta' strument mhux vinkolanti (NBI).

¹ 5499/24 - ADD1

4. Bħala l-ewwel pass fil-proċedura ta' NBI, fit-18 ta' Diċembru 2023, il-Kummissjoni infurmat formalment lill-Kunsill f'nota² bl-intenzjoni tagħha li tidħol f'diskussjonijiet bil-ħsieb li ssir sieħba f'isem l-UE fil-Koalizzjoni Globali għall-Ġustizzja Soċjali. L-intenzjoni tal-Kummissjoni ġiet diskussa f'laqgħa tal-Grupp ta' Ħidma dwar Kwistjonijiet Soċjali fit-8 ta' Jannar 2024. Id-delegazzjonijiet laqgħu l-intenzjoni tal-Kummissjoni.
5. Fis-16 ta' Jannar 2024, il-Kummissjoni infurmat lid-delegazzjonijiet, f'nota³, bl-intenzjoni tagħha li tiffirma ittra li twieġeb b'mod pożittiv għall-istedina tal-ILO.
6. In-nota kienet akkumpanjata minn abbozz ta' ittra⁴. Permezz ta' dan l-abbozz ta' ittra, li jenfasizza l-impenn tal-Unjoni għall-ġustizzja soċjali, l-Unjoni taqbel mat-Termini ta' Referenza tas-CGSJ⁵ u tiddekrivi l-oqsma potenzjali ta' kooperazzjoni fl-indirizzar tal-inugwaljanza, it-twettiq tad-drittijiet tax-xogħol, l-espansjoni tal-opportunitajiet ta' impjieg, l-għoti ta' protezzjoni, it-tisħiħ ta' tranżizzjonijiet ġusti, u t-tisħiħ tad-djalogu soċjali.
7. Fil-laqgħa tal-Grupp ta' Ħidma dwar Kwistjonijiet Soċjali tal-25 ta' Jannar, f'konformità mal-arranġamenti għal strumenti mhux vinkolanti (it-tieni pass ta' proċedura ta' NBI), il-Kummissjoni ppreżentat in-nota tagħha, l-abbozz ta' ittra, u t-Termini ta' Referenza li jistabbilixxu l-għan u l-governanza tal-Koalizzjoni Globali għall-Ġustizzja Soċjali.
8. Fil-laqgħa, il-Kummissjoni ċċarat li l-partekipazzjoni tagħha fil-Koalizzjoni Globali għall-Ġustizzja Soċjali f'isem l-Unjoni Ewropea ma timponi l-ebda obbligu amministrattiv jew finanzjarju ġdid fuq l-Istati Membri tal-UE, u lanqas ma tipprevjeni lill-Istati Membri tal-UE milli jingħaqdu mal-GCSJ individwalment u jagħtu l-kontribut tagħhom stess. Il-Kummissjoni impenjat ruħha li l-ewwel tfittex l-awtorizzazzjoni mill-Kunsill, jekk tkun tixtieq tikkontribwixxi għall-GCSJ bi proġett li ma jaqax taħt waħda mill-prijoritajiet elenkati fl-Anness għall-ittra, li ġie diskuss fil-Grupp ta' Ħidma dwar Kwistjonijiet Soċjali.

² 17057/23
³ 5491/24
⁴ 5499/24
⁵ 5499/24 – ADD2

9. Id-delegazzjonijiet kollha esprimew il-fehmiet tagħhom dwar l-abbozz ta' ittra, li biha l-Kummissjoni biħsiebha twieġeb għall-istedina tal-ILO, u l-ebda waħda minnhom ma opponietha.
10. F'dan l-isfond, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mistieden jissuġġerixxi lill-Kunsill jawtorizza lill-Kummissjoni biex tipparteċipa f'isem l-UE bħala sieħba fil-Koalizzjoni Globali għall-Ġustizzja Soċjali u biex twieġeb għall-istedina tal-ILO bl-ittra kif tinsab fl-Anness għal din in-nota.
11. Huwa mifhum li l-awtorizzazzjoni tal-Kummissjoni biex tipparteċipa f'isem l-Unjoni bħala sieħab fil-Koalizzjoni Globali għall-Ġustizzja Soċjali hija mingħajr preġudizzju għall-proċeduri li għandhom jiġu segwiti fil-livell tal-Unjoni, inkluż l-involviment possibbli tal-Kunsill bħala istituzzjoni li tfassal il-politika, jekk tittieħed kwalunkwe inizjattiva speċifika fil-kuntest tal-GCSJ.

Brussels, XX/01/2024

Dear Director General,

Thank you very much for your letter dated 24 November 2023 addressed to President Ursula von der Leyen in which you invite the European Commission to join the Global Coalition for Social Justice, a voluntary platform to increase political commitment on advancing social justice. This initiative comes at a crucial time for ensuring just transitions and the upholding of labour rights around the globe. It is a common task for the international community to achieve the goals of the UN Agenda 2030 for Sustainable Development, and the Coalition will certainly help to advance this objective.

I am therefore pleased to inform you that **the European Commission, on behalf of the European Union**, shares the political commitment to advance social justice globally and has decided to become a **partner of the Global Coalition for Social Justice**.

As you know, the European Union is a strong proponent of decent work and social inclusion, both within its borders and worldwide. We stand ready to deepen our close cooperation to advance social justice and to explore new collaborative avenues with other partners, based on the voluntary and non-binding nature of the initiative. The EU will also continue to advocate the importance of including social justice, as well as fair and just transitions, in all relevant discussions at international level and in multilateral fora.

We welcome the areas of immediate action highlighted in your Terms of Reference, in particular the need to: address inequality, discrimination and exclusion; realise labour rights; provide protection and build resilience; and reinforce institutions of social dialogue. I believe our ongoing collaboration, including through various projects (outlined in an annex to this letter), provides a solid base for furthering the objectives of the Coalition, which are fully in line with the European Pillar of Social Rights and are well reflected and pursued in our current policies

Finally, allow me to underline my appreciation for the knowledge-sharing aspect of the Coalition, as this is crucial to fully understand the challenges and complexity of social justice.

Please do not hesitate to contact my services in the Directorate-General for Employment, Social Affairs and Inclusion who will be the contact point for this initiative (Laura CORRADO, Head of Unit laura.corrado@ec.europa.eu or EMPL-E3-UNIT@ec.europa.eu).

I look forward to contributing to the Global Coalition for Social Justice and allow me to express my gratitude for your personal leadership and vision on this initiative.

Yours sincerely,

Nicolas Schmit

ANNESS

Oqsma potenzjali ta' kooperazzjoni taħt il-Koalizzjoni Globali għall-Ġustizzja Soċjali

F'konformità mal-oqsma ta' prijorità ppreżentati fit-Termini ta' Referenza, il-Kummissjoni Ewropea identifikat il-perkorsi li ġejjin għal kooperazzjoni u kontribut potenzjali għall-Koalizzjoni, soġġetti għal diskussjoni ulterjuri mal-uffiċċji tagħkom u bil-fehim li l-prijoritajiet jistgħu jevolvu fuq iż-żewġ naħat.

Prijorità 1 - "L-indirizzar tal-inugwaljanza, id-diskriminazzjoni u l-esklużjoni": inizjattivi mmirati lejn it-tnaqqis tal-inugwaljanzi multidimensjonali u l-prevenzjoni u l-indirizzar tal-vjolenza u l-fastidju.

Prijorità 2 - "Ir-realizzazzjoni tad-drittijiet tax-xogħol bħala drittijiet tal-bniedem, l-iżgurar tad-dinjità tal-bniedem u l-issodisfar tal-ħtiġijiet bażiċi": dan huwa l-qalba tal-proġetti tagħna dwar il-ktajjen tal-provvista, li jimmiraw għal futur tax-xogħol sostenibbli, applikazzjoni effettiva tad-diliġenza dovuta tas-sostenibbiltà korporattiva u t-tmim tat-tħaddim tat-tfal.

Prijorità 3 - "L-espansjoni tal-aċċess u l-kapaċitajiet għal impjiegi produttivi u magħżula liberament u intrapriżi sostenibbli": proġetti dwar il-futur tax-xogħol, il-formalizzazzjoni jew l-appoġġ għall-impjieg taż-żgħażaġh u l-investiment fil-ħiliet, u programmi għall-migrazzjoni tal-ħaddiema fis-settur tas-sajd fost l-oħrajn.

Prijorità 4 - "L-għoti ta' protezzjoni u l-bini tar-reżiljenza": il-Kummissjoni Ewropea tappoġġa sistemi ta' protezzjoni soċjali nazzjonali inklużivi permezz ta' diversi proġetti.

Prijorità 5 - "It-tiżhijiet ta' tranżizzjonijiet ġusti u d-dimensjoni soċjali tal-iżvilupp sostenibbli, il-kummerċ u l-investiment": proġett konġunt dwar tranżizzjoni ġusta fil-proċessi klimatiċi.

Prijorità 6 - "It-tiżhijiet tal-istituzzjonijiet tad-djalogu soċjali": il-proġetti dwar l-avvanz tax-xogħol deċenti fil-ktajjen tal-provvista permezz ta' djalogu soċjali settorjali u l-kooperazzjoni mal-inizjattiva tal-Patt Globali jenfassizzaw l-impenn tagħna għad-djalogu soċjali lil hinn mill-fruntieri tagħna.

Barra minn hekk, l-Unjoni Ewropea tirrikonoxxi n-natura globali tal-ġustizzja soċjali u tinkludiha bħala suġġett trasversali fl-Istrument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali (NDICI) għall-Isfidi Globali.